MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2003

Numru 485/2000

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gaetano Walker)**

**vs**

**John Pierre Farrugia**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat John Pierre Farrugia, 19-il sena, iben John u Josephine nee' Hocks, imwieled il-Pieta` fil-15 ta' Novembru, 1980 u li joqghod 9/4, West Street, Valletta u detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 73481M.

Akkuzat:

1. talli fl-4 ta’ Dicembru, 1999 u fil-granet ta’ qabel f’dawn il-Gzejjer, iffalsifika xi biljett tal-flus jew mexxa biljett tal-flus tal-kambju Lm10, li kien jaf li huwa iffalsifikat u dan bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. u aktar talli fl-istess lok u dati minghajr awtorita` legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircieva minghand xi persuna, jew kellu fil-kustodja jew pussess tieghu biljett tal-flus falsifikat tal-kambju Lm10, li kont li l-istess kien falsifikat u dan bi ksur tal-Artikolu 46 tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. u aktar talli fl-istess lok u dati minghajr awtorita` legali u skuza legittima jew ragonevoli ghamel uzu jew xjentement kellu fil-kustodja jew pussess tieghu, xi karta mahsuba biex tixbah u biex tghaddi bhala karta specjali (Lm10) bhal dik provduta u uzata ghal ghemil ta’ xi biljett tal-flus, jew karta specjali tali, u dan bi ksur tal-Artikolu 47 (a) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikolu tal-Avukat Generali permezz ta’ liema deherlu li a bazi tal-artikoli tal-Ligi minnu citati tista’ tinstab htija jew htijiet fl-imputat;

Semghet lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni sabiex il-kawza tinstema’ sommarjament;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

L-imputat hu akkuzat b’reati taht il-Kap 204 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issa l-akkuzi jitrattaw speci ta’ karta ta’ Lm10 u ohra ta’ Lm5 li hu allegat kienu foloz.

Minhabba cirkostanzi li ma kienx hemm kontroll fuqhom il-karti tal-flus in kwistjoni gew nieqsa u ghalhekk jonqos il-prova certa u univoka tal-falz.

Ghaldaqstant u mankanti dina l-prova l-Qorti ma tarax kif tista' ssib l-imputat hati tal-akkuzi kontrih dedotti. Kwindi tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------